MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 307/2003

**Charmaine Schembri**

**vs**

**Lawrence Borg
f'ismu propju u bhala operatur ta' Cerviola Hotel**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, hames mija u tmienja u tletin lira Maltin (Lm3,538) rapprezentanti servizzi ta' akkomodazzjoni u servizzi ohra resi matul il-perjodu ta' bejn Marzu u Novembru 2002, liema servizzi gew ipprovduti ghan-nom tieghu lit-turisti klijenti tieghu.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali, nkluzi l-ittra interpellatorja ta' l-erbatax (14) ta' Mejju, 2003 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta’ l-attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-7 ta’ Ottubru, 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------